MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Numru 274/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**CHRISTOPHER HUDDLESTON**

**Illum 22 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Huddleston ta' 20 il-sena bin Peter u Maria Assunta nee Fenech imwieled il-UK fil-08.08.1984 u residenti Flt 1 St Peter St Paul Triq Mater Boni Consigli Fgura detentur tal-karta ta' l-Identita' nru: 22572(A) gie akkuzat;

Talli fit-23 ta’ Novembru 2002 fi Triq Hal Far Hal Far limiti ta’ Birzebbuga ghal habta ta’ l-04.05pm, waqt li kien ghaddej f’din it-triq isuq il-vettura tieghu Toyota Starlet ta’ kulur abjad bin-numru tar-registrazzjoni FBL-426:

1. b’nuqqas ta’ hsieb jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna offiza ta’ natura gravi li waslet ghal-mewt ta’ Melvin Friggieri u dan bi ksur tarl-artikolu 225 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Robertino Said li kien riekeb fuq il-mutur tal-marka Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FBN-996 bhala passiggier skond kif iccertifikat Dr. Diane Tabone MD, kif ukoll fuq il-persuni ta’ Ian Grech u Andre Camenzuli li kienu rekbin passiggiera fil-vettura Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni nru: FBL-426 u dan bi ksur ta’ l-artikolu 226(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Ikkaguna hsarat fuq il-mutur imsemmi cioe tal-marka Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FBN-996 bi ksur ta’ l-artiklu 328(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigu applikati l-provedimenti ta’ l-Artikolu 15H tal-Kap 65 u li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu mhux anqas minn sena.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi tordna lill-imputata thallas ghal ispejjes tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok NL2 u nnutat li l-imputat m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr Chris Cardona ghall-genituri tal-mejjet Melvin Friggieri iddikjara li ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Proceduri Civili dawn il-Proceduri diga' huma konkluzi u li l-genituri tal-mejjet Melvin Friggieri m'ghandhom l-ebda pendenzi civili fil-konfront tal-imputat.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar il-piena.

Rat l-artikoli 225, 226(1)(c) u 328(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christopher Huddleston, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-eta' tenera tal-imputat, il-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr Chris Cardona ghall-genituri tal-mejjet Melvin Friggieri iddikjara li ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Proceduri Civili dawn il-Proceduri diga' huma konkluzi u li l-genituri tal-mejjet Melvin Friggieri m'ghandhom l-ebda pendenzi civili fil-konfront tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Christopher Huddleston ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2500) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Christopher Huddleston jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Christopher

Huddleston milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti “barra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi tordna lill-imputata thallas ghal ispejjes tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9”, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjes a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta f’din il-kawza, tichad it-talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christopher Huddleston l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------